Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-WIEĦED U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 21 ta' April 2010

**Ħin:** Mill-5.45pm sat-7.38pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-5.55pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-6.10pm)

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bidet.

**<u>1. Korrezzjoni tal-Minuti tat-Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ppropona li ssir emenda fit-tielet sentenza ta' punt numru 1 ta' artiklu "4. Mill-Minuti" sabiex is-sentenza taqra "Il-Kunsillier G. Borg ippropona li l-persuni li jidhru fuq il-lista tal-Kazin San Gabriel li ma ngħatawx invit jingħataw invit qabel is-Sorijiet Frangiskani." Il-mozzjoni għaddiet unanimament u l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ħdejn l-emenda biex juru li huwa dokument korrett.

**<u>2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Il-Minuti tat-Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2010, kif emendati, kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**3. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Exekuttiv staqsiet kif għandha tipproċedi fil-kazijiet li ser issemmi sabiex ma jinħolqux preċedenti.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li xi residenti kienu bidlu l-wiċċ tal-bankina mingħajr il-permess tal-Kunsill fi Triq Patri Guze Delia u f'ċerti kazi minnhom kien ingħata d-depositu lura peres li hija kienet ingħatat rapport li jgħid li l-bankina kienet ġiet irranġata għal-istat oriġinali tagħha.

Is-Segretarju Ezekuttiv innutat ukoll li xi kuntratturi li ħadmu għal-residenti li kienu qed jitolbu lura d-depositu li għamlu kienu bidlu t-tip ta' wiċċ tal-bankina mingħajr il-permess tal-Kunsill.

Il-Kunsill unanimament qabel illi s-Segretarju Ezekuttiv għandha tikteb lis-sidien u tordnalhom jirranġaw il-bankina biex tiġi taqbel mal-materjal u dehera oriġinali u jekk dan ma jsirx fi żmien indikat għandu jsir rapport lill-pulizija biex din tipproċedi bil-qorti u d-depositu ma jingħatax fil-kazijiet fejn hemm depositu mal-Kunsill.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi f'kaz wieħed bankina li kienet tkissret waqt xogħol ta' kostruzzjoni kienet ġiet irranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill u r-residenta kienet issa qed titlob li tingaħta d-depositu lura. Il-Kunsill unanimament qabel li d-depositu jingħata imma tinzamm minnu s-somma ta' €20 biex tkopri x-xogħol li għamlu l-ħaddiema tal-Kunsill.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għal-fondi mill-EU fir-rigward tal-pjazza tar-raħal kienet ġiet sottomessa fil-ħin nhar it-Tnejn, 19 ta' April 2010 fl-10.30am.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi minħabba fi ħsara fis-saqaf tas-Sala Aurora, l-klassijiet ta' l-*aerobics* kellhom jitħassru u l-parteċipanti ser jingħataw lura s-somma ta' €4.50 peres li mhux ser ikunu jistgħu jattendu għal-tlett lezzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċizjoni li ttieħdet qabel il-laqgħa.

**Is-Sindku wasal f'dan il-ħin u ħa s-siġġu.**

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-*sensor* tal-*playing field* u erba lanterni kellhom bżonn jiġu rranġati u tqabbad Lawrence Tabone *electrician* li kellu jagħmel ix-xogħol għas-somma ta' €150. Il-kont li bagħat kien għas-somma ta' €165 peres li kellu jixtri xi materjal. Il-Kunsill unanimament approva li jsir il-ħlas.

6. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi huwa attenda għal-laqgħa dwar libreriji fejn ingħataw *vouchers* biex jinxtraw kotba għal-librerija lokali. Merlin Library tat-vouchers għas-somma ta' €233 filwaqt li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jħallas lill Kunsilli lura għax-xiri ta' kotba għas-somma ta' €233. Il-Kunsill unanimaent qabel li l-kotba jinxtraw mingħand Merlin Library.

## 4. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha li waslet bejn il-11 ta' Marzu 2010 u l-21 ta' April 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tas-7 u tal-21 ta' April 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 336/10:** Ittra mill-AKL dwar tiġdid tal-polza tas-saħħa ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jġedded il-polza għal-sena.

**Ittra Numru 335/10:** L-ittra mill-Kap ta' l-Iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg għandu jkellem lill-Kap ta' l-Iskola.

**Ittra Numru 334/10:** L-istedina mill-Malta Hospice Movement għal-laqgħa Annwali Generali ġiet innutata. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinfurmhom li ser jattendi.

**Dr. T. Degiorgio wasal f'dan il-ħin.**

**Ittra Numru 319/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għotja ta' kotba għal-librerija ġiet innutata. Il-kotba ser jinxtraw mingħand il-Merlin Library.

**Ittra Numru 317/10:** L-ittra mill-Kunsill Malti għal-Isport dwar inizjattivi sportivi ġiet innutata. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio għandu jieħu ħsieb l-arranġamenti meħtieġa.

**Ittra Numru 313/10:** L-ittra ta' stedina għal-laqgħa informali mill-Kumitat tar-Regjun Ċentrali ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ma setax jattendi u jrid jitkellem mal-President biex jara x'sar.

**Ittra Numru 311/10:** L-ittra mill-Kumitat Organizattiv għaz-Zjara tal-Papa dwar xogħol nhar il-Ħadd mill-ħaddiema ta' l-IPSL ġiet innutata. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi ftehiem li l-ħaddiema jidħlu l-Ħadd u jieħdu ġurnata off matul il-ġimgħa ta' wara u hekk sar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ittra Numru 310/10:** L-ittra dwar emendi għal-*bye-law* tal-Kunsill dwar riklami ġiet innutata. Is-Sindku talab li l-Kunsill jikkunsidra r-rakkommandazzjonijiet tal-Ministru.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ministru u kopja emendata bil-Malti u bl-Ingliz tal-*bye-laws* li juru dawn ir-rakkomandazzjonijet. Il-Kunsill unanimament approva l-*bye-law* verzjoni tal-Malti u ta' l-Ingliz u s-Sindku u s-Segretarju Ezekutitv iffirmaw il-*bye-laws* biex juru li huma d-dokumenti korretti.

**Ittra Numru 291/10:** Memo 52/2010 dwar korsijiet *Lifelong Learning* ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg ser jieħu ħsieb l-materja.

**Ittra Numru 290/10:** L-ittra dwar preparamenti għaż-żjara tal-Papa ġiet innutata.

**Ittra Numru 287/10:** L-ittra mill-Assistant Kummissarju R. Zammit dwar *Better Community Policing* ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikteb biex titlob laqgħa għal-konvenjenza ta' l-Assistant Kummissarju.

**Itta Numru 284/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Għajnuna mill-MEUSAC għal-mili ta' applikazzjonijiet ta' l-EU ġiet innutata.

**Ittra Numru 283/10:** L-istedina mir-Roads Infrastructure Directorate ġiet innutata. Ħadd minn naħa tal-Kunsill ma attenda.

**Ittra Numru 259a/10:** L-istedina għal-korsijiet ta' TCTC bl-isem ECouncils ġiet innutata. Ħadd mill-Kunsill ma huwa ser jattendi.

**Ittra Numru 258/10:** L-ittra bl-avukat li jirraprezenta lill-"Petworld" ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill s-sid ta' "Petworld" kien ċempel biex jara jekk kienx hemm risposta mill-Kunsill għat-talba tiegħu għal-*un/loading bay* u kien staqsa jekk il-Kunsill jistax joħroġlu permess biex fl-*un/loading bay* li kien qed jitlob jqiegħed pjanti għal-bejħ. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-Kunsill ma joħroġx dawn it-tip ta' permessi.

Il-Kunsill unanimament qabel illi jikteb lill-ADT biex jikseb permess biex isir *un/loading bay* fil-Wied ta' Ħal Balzan kantuniera ma Triq it-Tliet Knejjes biex isir ħatt mill-istabilimenti kollha ta' l-arja u li t-tabelli għandhom jkunu bħal dawk li saru ħdejn il-ħanut "St. George's Store".

**Ittra Numru 239/10:** L-ittra mill-MEPA dwar National Flood Relief Project for Storm Water Management and Conservation of water ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma kellux kummenti x'jagħmel.

**Ittra Numru 238/10:** L-istendina ta' l-AKL dwar il-laqgħa tas-Sindki ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser jattendi u wara l-laqgħa jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv jekk hux ser ikun akkumpanjat mill-mara.

**Ittra Numru 234/10:** L-ittra mill-Gvern Lokali dwar "Dokument tar-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar ġie nnutat.

**Ittra Numru 232/10:** L-ittra mill-MEPA dwar l-iskedar tal-"Ġnien tal-Kmand" li jinsab f'Naxxar Road (Balzan) Birkirkara ġiet innutata. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikseb informazzjoni dwar min huwa s-sid jew min qed jieħu ħsieb il-post.

**Ittra Numru 231/10:** L-ittra mill-ETC dwar xogħol fil-kommunita' ġiet innutata.

## 5. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol fuq il-football ground ta' Ħal Balzan kien miexi sew u li għal-Ġunju 2010 mistennija li tinfetaħ is-Sala li tkun tista tintuza għal-attivitajiet li jista jkun jrid jorganizza l-Kunsill fosthom *aerobic classes*. Huwa informa lill-Kunsill illi kien għamel verifika dwar il-kiri tas-sala għal-*aerobic classes* u huwa infurmat li din tkun tista tingħata lill-Kunsill għal-€20 kull serata li tiġi organizzata.

## 6. <u>Rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2009.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għad-disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 (mehmuz). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur M. Debono kien prezenti biex jispjega l-emendi li saru mill-awditur u biex jirrispondi xi mistoqsijiet.

Ir-Rapport Annwali Finanzjarju għad-disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 7. <u>Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Jannar – Marzu 2010.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Marzu 2010 (mehmuz). L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur M. Debono kien prezenti biex jispjega r-rapport u biex jirrispondi xi mistoqsijiet.

Ir-Rapport għat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Marzu 2010 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett. F'dan il-ħin l-*accountant* tal-Kunsill ġie skuzat mil-laqgħa.

## 8. Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2009.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għad-disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 (mehmuz).

Ir-Rapport Annwali Amministrattiv kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-ħames minuti fis-7.05pm.**

## 9. Rapport dwar l-ilmenti.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-ilemnti pendenti li jġib id-data tal-21 ta' April 2010 (mehmuz).

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal-ittra li bagħtet residenta ta' Triq l-Imdina dwar propjeta bl-isem "Carmar" li kienet ser issir uffiċini. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio jieħu ħsieb il-materja billi jikkomunika ma l-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex ma jinħolqux preċedenti.

**Ilment Numru 17010058120537:** Talba biex issir CCTV camera fi Triq il-Kbira biex il-parking ikun residenzjali. Il-Kunsill innota li dan mhux possibbli li jsir.

**Ilment Numru 17010056122045:** Talba biex issir *un/loading bay* quddiem il-ħanut "Petworld" fil-Wied ta' Ħal Balzan. Ara korrispondenza numru 258/10 aktar kmieni għar-risposta.

**Ilment Numru 17010003122125:** Talba biex issir *box junction* quddiem id-daħla tal-garaxxijiet li hemm fi Triq il-Lunzjata. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir il-*box junction* u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikteb lill-ADT biex jinħareġ il-permess neċessarju.

**Ilment Numru 17010070122772**: Talba biex tinstab soluzzjoni biex vetturi ma jipparkjawx u jostakolaw l-aċċess għal-garaxx. Ara risposta għal-ilment numru 17010003122125.

**Ilment Numru 17010069123237:** Ilment li hemm xi ħadd fil-blokka flats ġodda fi Triq il-Kannizzata li qed jonxor fil-gallarija. Is-Segrearju Ezekuttiv qabel li sa fejn taf hi ma hemmx xi liġi dwar dan imma tkelmet mas-sid tal-blokka u huwa ser jitkellem ma persuna kkonċernata.

## 10. Rapport ta' l-Effiċjenza tas-Segretarju Ezekuttiv.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport ta' l-Effiċjenza tas-Segretarju Ezekuttiv għad-disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009. Is-Segretarju Ezekuttiv intalbet tkun skuzata mil-laqgħa u hija ħarġet mis-sala. Wara li hija ġiet mitluba tidħol lura fis-sala hija ġiet infurmata li l-Kunsill unanimament approva li tingaħta l-massimu tal-bonus ta' l-effiċjenza li tippermetti l-liġi u cioe' 10% tas-salarju, pro-rata għal-disa xhur, maħduma fuq is-salarju ta' l-aħħar ta' Jannar 2010 skond id-direttiva tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar kif għandu jinħadem il-*performance bonus* għas-sena 2009. Hija rringrazzjat lill-Kunsill.

**11. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-21 ta' April 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €30,567.93. .

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea.

Il-Kunsill unanimament approva l-ħlasijiet li saru qabel il-laqgħa u li jsiru l-ħlasijiet li kien għadhom ma sarux. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**12. Affarijiet Oħra.**

Il-Kunsillier G. Borg staqsa jistax jindaga dwar il-proġett ta' Wesgħa Prof. G. Aquilina u fuq proposta tas-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar, il-Kunsill taħ il-*go ahead*.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data